Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 232/2012

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.M (IMLI) LL.D.**

**Rikors Numru 232/12 FDP**

**Fl-ismijiet:**

**Gaetano Bonnici
ID NO 706457(M)**

**vs**

**Jason Vella**
**ID NO 57079(M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Lulju 2012 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundannha lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u hamsin Ewro (€11,656) rapprezentanti somma flus mislufa 'brevi manu' lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimat fil-21 ta' Lulju 2012

Illi fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2012 ir-rikorrent ipprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012 il-konvenut gie imsejjah izda ma dehrx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tar-rikorrenti jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta' l-istess rikorrent tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundannha lill-konvenut ihallas lir-rikorrent is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u hamsin Ewro (€11,656) rapprezentanti somma flus mislufa 'brevi manu' lill- konvenut.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------